MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 991/2009

**Intercomp Marketing Limited – C-20612**

**vs**

**David Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fl-24 ta’ Novembru tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u tmintax-il ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,218.48c) rapprezentanti ammont illi ghadu dovut in konnessjoni ma’ computer hardware mixtri minghand is-socjeta’ attrici skond ma’ kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok A, B u C. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 22 ta’ Ottubru, 2009, mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A Kap 12 tal-ligi ta’ Malta u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe`

mit-28 ta' Mejju, 2009, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra u 'nnota illi fis-seduta tal-lum 22 ta' Jannar, 2010, l-konvenut kif debitament assistit minn Dr. David Farrugia Sacco ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal fuq ammissjoni tal-istess konvenut qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk kif mitlub fis-somma ta' elf, mitejn u tmintax-il ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,218.48c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-28 ta' Mejju, 2009, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza u kif rikjesti a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------